**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 10/21**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 22 ta' Novembru 2021 |
| **Ħin:** | 5:45pm |
| **Post:** | Microsoft Teams \| Direttiva mid-Dipartiement tal-Gvern Lokali |

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Skużata)
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (Skużat)
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**10.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**10.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**10.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**10.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**10.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**10.06** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**10.07** **Quarterly Financial Statements;**
**10.08** **Kuntratti;**
**10.09** **Approvazzjoni tal-Financial Statements bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;**
**10.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**10.11** **Mozzjonijiet; u**
**10.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**10. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv resaq għall-attenzjoni tal-Kunsill żewġ ittri ta' apoloġija mingħand Camilleri u Raymond Caruana | Segretarju Eżekuttiv |

**10. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 09/21 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 10. 2. 1 | 08.02.12 | Fenech | Tiżdied L-applikazzjoni daħħalniha u jekk tiġi aċċettata ser inkunu qed nagħmlu proġett ieħor fejn nagħtu jogging track lir-residenti ta' madwar kilometru u titnaqqas minn 08.02.13 | Fenech |
| 10. 2. 2 | 09.02.24 | Fenech | Għandha taqra Ta' Xbiex minn flok De La Salle | Fenech |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**
**10. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2 5 | 09.02.05 | Viċi-Sindku: Bankiijet tal-ġnien | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta dawn ser jitwaħħlu. Is-Sindku qalet li għad irridu nordnaw żewġ bankijiet ġodda. | Sindku |
| 10. 2 6 | 09.02.06 | Viċi-Sindku: Bozza f' Ta' Ganza | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li din il-bozza issa nxtegħlet. | Viċi-Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2 | 7 | 09.02.07 | Fenech: Bye-Law tal-Ħamiem | Fenech staqsiet jekk din ġitx approvata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ġiet approvata u ntalab sabiex jiġu ordnati t-tabelli li jindikaw li min jitma l-ħamiem jeħel multa kif ukoll jiġu magħrfa permezz ta' ittra, s-sidien tad-djar battala fl-akwati. | Fenech / Segretarju Eżekuttiv |
| 10. | 2 | 8 | 09.02.09 | Viċi-Sindku: Kompetizzjoni ŻIŻ 2021 | Il-Viċi-Sindku qalet li kien hemm parteċipant wieħed. | Viċi-Sindku |
| 10. | 2 | 9 | 09.02.10 | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li reġgħat tkellmet mas-CEO tal-Korporazjoni tal-Ilma dwar id-diversi problemi li għadna qed naffaċċjaw b'dan ix-xogħol sabiex jiġu solvuti malajr kemm jista' jkun. | Sindku |
| 10. | 2 | 10 | 09.02.11 | Viċi-Sindku: Zebra Crossing fi Triq Toni Zahra | Il-Viċi-Sindku staqsit dwar meta u jekk hux ser issir iz-zebra crossing. Is-Sindku qalet li diġa konna tlabna sabiex din tiġi pellican lights minħabba l-periklu u qed nistennew li tiġi approvata. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 10. | 2 | 11 | 09.02.13 | Sindku / Fenech: Van elletriku | Is-Sindku qalet li għandna l-konferma li ser niġu mogħtija fond ta' €25,000 sabiex jinxtara vann elettriku li ser ikun qed jintuża għall-ġarr ta' residenti madwar il-lokal. Issa iridu nagħddu għall-proċess li jmiss ta' tenders | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 10. | 2 | 12 | 09.02.15 | Sindku: Toroq | Is-Sindku tat rendikont dwar il-proġetti tal-W.S.C. għat-titjib tal-ilma tax-xorb u d-drenaġġ. Wara li kellna ftit dewmien mis-Supretendenza tal-Heritage, ix-xogħol issa miexi sew. Daqt ikunu lesti Triq Fawstina u Triq Beland. Ser niddeċidu ma' TM liema toroq ser jitkomplew biex inħallu impatt mill-inqas fuq it-traffiku. Dalwaqt jibda x-xogħol ukoll fuq Triq Ġibja Rumana. | Sindku |
| 10. | 2 | 13 | 09.02.17 | Sindku: Resident First | Is-Sindku qalet li ġiet introdotta l-applikazzjoni pero rispons minn naħa tal-pubbliku sabiex jagħti l-opinjonijiet tiegħu hija waħda baxxa. Ser isir iktar riklamar ta' din l-applikazzjoni. | Sindku |
| 10. | 2 | 14 | 09.02.21 | Fenech: Wifi4EU | Fenech qalet li għad hemm xi problemi żgħar mal-Melita li għad iridu jiġu riżolti sabiex is-servizz jaħdem kif suppost. | Fenech |
| 10. | 2 | 15 | 09.02.22 | Sindku: Fun Run | Is-Sindku qalet li din saret u kien hawn il-preżenza tal-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta, l-Onor. il-Prim Ministru Robert Abela, diversi ministri u membri parlamentari. Irreġistraw 314 -il parteċipant. Is-Sindku irringrazzjat lil kull min ta' sehmu sabiex din setgħat tkun suċċess. Irringrazzjat ukoll lid-diriġenti ta' Care Malta talli ħarġu r-residenti tad-dar tal-anzjani biex taw merħba mill-isbaħ. Wara kienu mistiedna l-Palazz tal-President fejn inagħtajna memento bħala ringrazzjament. Għal sena oħra l-Kunsill mhux qed ikun qed jaqsam rigali bejn l-impjegati u kunsilliera, iżda ser ikunu qed jagħmlu ġabra b'risq l-Istrina. | Sindku / Fenech |
| 10. | 2 | 16 | 09.02.23 | Fenech: Tilqima tal-influwenza | Fenech qalet li l-pjanijiet li tibqa' tingħata mill-poly clinic ta' Raħal Ġdid għadhom fis-seħħ. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2 | 17 | 09.02.24 | Fenech: Proġetti | Fenech qalet li dan il-proġett ġie fi tmiemu bl-aħħar sezzjoni li saret fil-grawnd tal-futbol fiż-Żejtun nhar is-Sibt li għadda. Qalet ukoll li grupp ta' sitt żgħażagħ telaw Sqallija għall-proġett taż-żebbuġ f'Avola. Fuq il-proġett Let's Talk About *** hemm tlett group leaders fl-Isvezja fejn għaddejjien diversi workshops. Hemm proġett ieħor ta' sena li għad irridu nġibu iktar informazzjoni dwaru. Dan il-weekend li ġej ser ikunu qed jitilgħu għall-aħħar laqgħa tal-proġett Digital Youth Dialogue f'Sardinja. Saret laqgħa informali mal-Onor. Ministru Carmelo Abela fejn ġie mogħti informazzjoni dwar x'ġie diskuss f'dan il-proġett. | Fenech |
| 10. | 2 | 18 | 09.02.28 | Sindku: Latrini is-Suq | Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qalet li tkellmu mal-perit tal-Public Works sabiex jinbeda x-xogħol malajr kemm jista' jkun peress li hija struttura perikoluża. | Sindku |
| 10. | 2 | 19 | 09.02.29 | Sindku: Culverts | Is-Sindku staqsiet dwar it-tindif tal-culverts. Baldacchino qal li tkompla t-tindif sabiex nevitaw li jkollna għargħar. | Sindku |
| 10. | 2 | 20 | 09.02.31 | Chircop: Tiżjin tal-Milied | Is-Sindku qalet li ser inkunu qed nieħdu €1200 mir-Reġjun Xlokk sabiex isir it-tiżjin tal-Milied. Irringrazzjat lill-Għaqda tal-Armar talli ramaw kmieni l-antarjoli sabiex ikun jista' jitwaħħal it-tiżjin tal-Milied. | |
| 10. | 2 | 21 | 09.03.03 | Viċi-Sindku: Librerija fil-beraħ | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk il-librerija li ġiet mgħotija lilna ġitx imwaħħla. Qalet ukoll li qed titlob stimi sabiex isitu oħrajn. Is-Sindku qalet li qed jinstab il-post addatat fejn din għandha titwaħħal sabiex tkun protetta kemm jista' jkun mill-elementi. | Sindku |
| 10. | 2 | 22 | 09.04.02 | Viċi-Sindku: Junction Box | Il-Viċi-Sinku staqsiet jekk saritx it-talba. Ser issir talba sabiex din issir. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. | 2 | 23 | 09.06.01 | Viċi-Sindku: Ħarġa għall-Esplora | Il-Viċi-Sindku qalet li din kienet suċċess. Sar ukoll il-Halloween Party u attivitajiet. | Viċi-Sindku |
| 10. | 2 | 24 | | Fenech: Bank tad-demm | Fenech qalet li kien hemm 40 resident li resqu sabiex jagħtu d-demm. Kienet għotja rekord li saret ħmistax ilu. | Fenech |

**10 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/21. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 1 | | Sindku: Laqgħa dwar il-proġett fi Vjal il-25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-iżviluppatur Alf Mizzi & Sons dwar il-ħsieb tal-proġett. Żiedet ukoll li d-De La rue ser tkun qed taqla' tlett siġriet u ser ikunu qed jiġu rilokati fid-daħla ta' San Klement fuq in-naħa tal-lemin. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 2 | | Sindku: Ftuħ tal-Librerija | Is-Sindku qalet li wara li saret talba mill-iskejjel Primarji A u B sabiex jinfetħu l-libreriji għat tfal. Intalab permess mid-dipartiment u ġiet aċċettata. Il-ħinijiet il-ġodda ser ikunu:<br>Għall-Pubbliku nhar ta' Erbgħa u l-Ħamis mit-3pm sal-5pm u s-Sibt mit-8am sal-10am. It-tfal ser ikollom sagħtejn fil-ġimgħa kull wieħed li tkun miftuħa għalihom. | Sindku |
| 10 | 3 | 3 | 02 | DLG: Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Aċċessibilta' u Mobilita' | Is-Sindku qalet li ser inkunu qed napplikaw għal fondi sabiex isir il-pavimentar f'Misraħ Santa Marija. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 4 | 22 | PA: Mwejjed barra fuq il-bankina | Dwar din l-applikazzjoni saret diskussjoni fejn il-kunsilliera u s-Sindku taw l-opinjoni tagħhom dwar din il-proposta li trid ħafna ħsieb peress li dawn ser jitpoġġew maġenb il-knisja u f'żona sensittiva. Dwar dan ma kinx hemm deċiżżjoni finali u ser issir iktar diskussjoni mal-għaqdiet konċernati. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 5 | 25 | Tony Abela: Pelican lights fi Triq San Girgor | Is-Sindku qalet li rċevejna talba mis-Sur Abela fejn qed jitlob li z-zebra crossing tinqaleb għall-pelican lights. Wara diskussjoni ma kinx hemm qbil dwar dan. | |
| 10 | 3 | 6 | | Viċi-Sindku: Laqgħa tar-Reġjun | Il-Viċi-Sindku qalet li attendiet għall-laqgħa tar-Reġjun dwar diskussjoni tar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir. | |
| **10.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 4 | 1 | | Chircop: Junction Box | Chircop staqsa tistax issir junction box bejn iż-Żejtun u Ħal Tarxien. Is-Sindku qalet li hemm proposta sabiex issir roundabout. | Sindku |
| 10. | 4 | 2 | | Chircop: Bus Stop fit-Triq tal-Barrani | Chircop staqsa fiex kien wasal ix-xogħol dwar il-proposta sabiex jitressaq il-bus stop li hemm eżatt kif tabeż il-pelican lights tal-barrani. Is-Sindku qalet li ma smajna xejn. | |
| 10. | 4 | 3 | | Fenech: Dawl tal-Skate Park | Fenech staqsiet dwar fiex wasal ix-xogħol fuq id-dawl. Is-Sindku ser tkun qed tiċċekja dwar dan kif ukoll dwar id-dawl ta' Ġnien il-Qawsalla. | Caruana Ray |
| 10. | 4 | 4 | | Viċi-Sindku: Żbir ta' siġar | Il-Viċi-Sindku saqsiet meta ser ikun qed ikompli ż-żbir ta' siġar. Baldacchino qal li hemm lista ta' xogħol li għad irid isir. | |
| 10. | 4 | 5 | | Viċi-Sindku: Immaniġjar ta' traffiku fi Triq il-Qadi | Il-Viċi-Sindku saqsiet dwar jistax isir xi ħaġa għax hija żona perikoluża. Is-Sindku qalet li hemm applikazzjoni għal-zebra crossing pero jidher li ma ġitx approvata u ser inkunu qed niċċekjaw dwarha. | Sindku |
| 10. | 4 | 6 | | Viċi-Sindku: Zebra crossing fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar fiex wasalna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal i tlabna għall-estenzjoni u l-kuntrattur ser ikun qed jaħdem biex attwalment issir. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 10. | 4 | 7 | | Viċi-Sindku: Bankini f'Ġebel San Martin | Il-Viċi-Sindku resqet talba tar-residenti sabiex jibdew jinbidlu l-bankini. | Sindku |
| **10.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10. 5 1 | | | Ma tressaq xejn dwar dan | |

**10. 6.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 6. 1 | | Chircop: Attivitajiet Milied | Chircop qal li fil-5 ta' Diċembru ser isir seminar u workshop il-Kunsill dwar kif isir presepju minn Emanuel Vella. Bejn l-10 u t-13 ta' Diċembru ser issir wirja tal-presepji fil-Kunsill. Ser issir ukoll kompetizzjoni tat-tiżjin tal-Milied u ser jintrebaħ premju ta' €1000 mogħti lilna mill-Ministeru tal-Kultura. Fit-30 ta' Diċembru ser isir il-kunċert tal-Milied fil-paroċċa fejn jingħata t-trofej Carlo Diacono lil aqwa bandisti. Chircop issuġerixxa li għandu jingħata tas-sena l-oħra wkoll peress li din il-preżentazzjoni ma saritx. . Issuġerixxa wkoll li jingħata lil aqwa mużiċisti liċ-Circolo Mużikali Sta. Katarina u oħra lil Kappella Diacono. Kien hemm qbil unanimu dwar dan | Chircop |
| 10. 6. 2 | | Viċi-Sindku: Pantomima | Il-Viċi-Sindku qalet li ser issir b'differenza bejn it-28 u t-30 ta' Diċembru. Ser issir ħarġa għal Għawdex fit-2 ta' Jannar u party għat tfal tal-Kids Club fit-3 ta' Jannar. | |

**10. 7.** ***Quarterly Financial Statements;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10 7 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-kunsill il-finanzi għall-ewwel tlett kwarti tas-sena fejn ta spjegazzjoni tad-dħul u ħruġ tal-kunsill. | |

**10. 8.** **Kuntratti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li l-kuntratt tal-knis qed jiġi evalwat. Ser ikunu qed jinħareġ it-tender għall-van elettriku. It-tender tal-perit kellu jiġi mwaqqa' sabiex jerġa jinħareġ. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |

**10. 10.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 10. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/21 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 10. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 10/21 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 10. 3 | | *Petty Cash* - Ottubru | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ottubru hekk kif preżentat. Dan kienu jammontaw għal €85.35 | Segretarju Eżekuttiv |

**10 11** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 11 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa | |

**10 12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2021 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |